SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

7 ta' Lulju 2016 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport — Direttiva 2003/59/KE — Obbligu ta' kwalifika inizjali — Artikolu 4 — Drittijiet miksuba — Detenturi ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa qabel id-dati previsti fl-Artikolu 4 — Eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi rekwiżit supplimentari ta' taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa sabiex tibbenefika minn din l-eżenzjoni"

Fil-Kawża C-447/15,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Krajský soud v Ostravě (qorti reġjonali ta' Ostrava, ir-Repubblika Ċeka), permezz ta' deċiżjoni tas-16 ta' Lulju 2015, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-18 ta' Awwissu 2015, fil-proċedura

Ivo Muladi

vs

Krajský úřad Moravskoslezského kraje,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn D. Šváby (Relatur), President tal-Awla, M. Safjan u M. Vilaras, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: Y. Bot,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat l-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek u J. Vláčil, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn J. Hottiaux u Z. Lewis, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek.

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2003, dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 7, p. 441).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn I. Muladi u l-Krajský úřad Moravskoslezského kraje (awtorità reġjonali tar-reġjun ta' Moravskoslezského, ir-Repubblika Ċeka, iktar 'il quddiem l-"awtorità reġjonali") fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 76/914/KEE

3 L-Artikolu 1(1) u (3) tad-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1976, dwar il-livell minimu ta' taħriġ għal xi sewwieqa tat-trasport bit-triq (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 67), jiddisponi:

"1. Kull persuna li jkollha l-liċenzja ta' sewqan nazzjonali xierqa u li tkun kompletat kors ta' taħriġ vokazzjonali li jkopri mill-inqas is-suġġetti mniżżlin fl-Anness ta' din id-Direttiva għandha tkun rikonoxxuta li għandha l-livell minimu ta' taħriġ għas-sewwieqa ta' vettura maħsubin għat-trasport ta' merkanzija bit-triq, imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 5(1)(b) tar-Regolament (KEE) Nru 543/69 jew għas-sewwieqa tal-vetturi maħsubin għat-trasport ta' passiġġieri bit-triq, imsemmija fil-paragrafu 2(ċ) ta' l-imsemmi l-Artikolu.

[…]

3. Stat Membru jista' jeħtieġ is-sewwieqa li jagħmlu t-trasport nazzjonali fi ħdan it-territorju tiegħu u s-sewwieqa li jagħmlu t-trasport internazzjonali fil-vetturi reġistrati f'dak l-Istat biex jgħaddu minn taħriġ iżjed intensiv minn dak ipprovdut fl-Anness. Dan jista' jkun taħriġ li jkun diġà stabbilit fi Stat Membru jew taħriġ li Stat Membru jiddeċiedi li jintroduċi fil-futur."

4 Konformement mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2003/59, id-Direttiva 76/914 tħassret b'effett mill-10 ta' Settembru 2009.

Id-Direttiva 2003/59

5 Il-premessi 2, 4, 5, 7, 10, 11 u 14 tad-Direttiva 2003/59 jistabbilixxu:

"(2) Peress li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3820/85 japplikaw għal għadd żgħir ħafna ta' sewwieqa, u peress li bħalissa il-ħtieġa li sewwieqa jitħarrġu b'mod obbligatorju tinsab biss fi ftit Stati Membri, ħafna sewwieqa li bħalissa jsuqu fit-territorju tal-Komunità qed jagħmlu dan permezz biss ta' liċenzja ta' sewqan.

[…]

(4) Ir-regoli ġodda stabbiliti mill-Komunità għandhom bħala għan li jassiguraw li sewwieq, permezz tal-kwalifika tieghu, ikun ta' livell li bih jista' jkollu aċċess għal u jagħmel xogħol ta' sewqan.

(5) Partikularment l-aktar peress li l-obbligu ta' kwalifika inizjali u perjodi ta' taħriġ jaħsbu biex itejbu s-sigurtà fit-toroq u s-sigurtà tas-sewwieq, magħdud ix-xogħol li s-sewwieq jagħmel meta l-vettura tkun wieqfa. Barra dan, in-natura moderna tax-xogħol ta' sewwieq għandha toħloq interess fost iż-żgħażagħ f'dan ix-xogħol, u tagħti sehemha biex ikunu mpjegati sewwieqa ġodda meta jkun hemm nuqqas tagħhom.

[…]

(7) Biex ikun stabbilit li sewwieq iħares l-obbligi tiegħu, Stati Membri għandhom jagħtu lis-sewwieq ċertifikat ta' kompetenza professjonali, minn hawn il quddiem imsejjaħ 'CPC', li jikkonferma l-kwalifika inizjali tiegħu jew perjodi ta' taħriġ.

[…]

(10) Il-kundizzjonijiet minimi għall-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku huma dwar regoli ta' sigurtà li għandhom ikunu osservati waqt is-sewqan u meta vettura tkun wieqfa. L-iżvilupp ta' sewqan preventiv - perikli prevedibbli u l-ħsieb li haddieħor ikun qed juża t-triq - flimkien ma' l-użu bil-għaqal ta' karburanti, għandhom iħallu effett pożittiv kemm fuq is-soċjetà kif ukoll fuq is-settur tat-trasport bit-triq innifsu.

(11) Din id-Direttiva m'għandhiex tkun ta' ħsara għad-drittijiet miksuba minn sewwieq li kellu l-liċenzja tas-sewqan meħtieġa biex jagħmel xogħol ta' sewqan minn qabel id-data stabbilita għall-kisba taċ-CPC li jikkonferma l-kwalifika inizjali jew il-perjodi ta' taħriġ.

[…]

(14) L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw li l-ewwel sessjoni ta' taħriġ perjodiku għandha ssir kollha u għandhom joħorġu ċ-CPC korrispondenti, fi żmien ħames snin jew mid-data tal-ħruġ ta' CPC li jikkonferma l-kwalifika inizjali jew mid-data ta' skadenza taż-żmien mogħti li sewwieqa biex jitolbu d-drittijiet akkwiżiti tagħhom. Dan iż-żmien jista' wkoll ikun iqsar jew itwal. Wara l-ewwel taħriġ perjodiku, is-sewwieq għandu jagħmel taħriġ perjodiku kull ħames snin."

6 Bit-titolu "Kamp ta' applikazzjoni", l-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/59 jistabbilixxi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għal xogħol ta' sewqan magħmul minn:

a) ċittadini ta' Stat Membru; u

b) ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma impjegati jew dipendenti ta' kumpanijja stabbilita fi Stat Membru:

minn hawn 'il quddiem 'imsejħa sewwieqa', li jagħmlu xogħol ta' trasport bit-triq fi ħdan il-Komunità, f'toroq miftuħa għall-pubbliku, billi jużaw:

— vetturi li jeħtieġu liċenzja tas-sewqan tal-kategorija C1, C1+E, C jew C+E, kif imfissra fid-Direttiva 91/439/KEE, jew liċenzja tas-sewqan meqjusa bħala ekwivalenti,

— vetturi li jeħtieġu liċenzja tas-sewqan tal-kategorija D1, D1+E, D jew D+E, kif imfissra fid-Direttiva 91/439/KEE, jew liċenzja tas-sewqan meqjusa bħala ekwivalenti."

7 L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2003/59 jipprevedi li "s-sewqan, kif imfisser fl-Artiklu 1, għandu jkun soġġett għal kwalifika inizjali obbligatorja u taħriġ perjodiku obbligatorju".

8 Bit-titolu “Drittijiet akkwiżiti”, l-Artikolu 4 ta’ din id-direttiva jiddisponi:

“Is-sewwieqa li ġejjin għandhom ikunu eżenti mill-kondizzjoni li jiskbu kwalifika inizjali:

a) sewwieqa li jkollhom liċenzja tal-kategoriji D1, D1+E, D jew D+E, jew liċenzja rikonoxxuta bħala ekwivalenti, maħruġa mhux aktar tard minn sentejn wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta’ din id-Direttiva;

b) sewwieqa li jkollhom liċenzja tal-kategorija C1, C1+E, C jew C+E jew liċenzja rikonoxxuta bħala ekwivalenti, maħruġa mhux aktar tard minn tliet snin wara d-data finali għat-trasposizzjoni ta’ din id-Direttiva[.]”

9 L-Artikoli 5 u 6 tal-istess direttiva jirrigwardaw ir-regoli applikabbli għall-kwalifika inizjali tas-sewwieqa kif ukoll dwar is-CPC li jiċċertifika dan.

10 L-Artikoli 7 u 8 tad-Direttiva 2003/59 jirrigwardaw ir-regoli applikabbli għat-taħriġ perijodiku tas-sewwieqa kif ukoll dwar is-CPC li jiċċertifika dan.

11 Bit-titolu “CPC li jikkonferma taħriġ perjodiku”, l-Artikolu 8(1) sa (4) ta’ din id-direttiva jipprevedi:

“1. Meta sewwieq itemm it-taħriġ perjodiku msemmi fl-Artiklu 7, l-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri jew iċ-ċentru ta’ taħriġ approvat għandhom jagħtuh CPC li jikkonferma t-taħriġ perjodiku.

2. Is-sewwieqa li ġejjin għandhom jagħmlu l-ewwel kors ta’ taħriġ perjodiku:

a) dawk li jkollhom CPC kif imsemmi fl-Artiklu 6, fi żmien ħames snin minn meta jkun inħareġ dak iċ-CPC;ħames hames snin minn meta jkun inħareġ dak iċ-CPC;

b) is-sewwieqa msemmija fl-Artiklu 4, fi żmien ħames snin mid-dati rispettivi msemmija fl-Artikolu 14(2), skont skeda stabbilita mill-Istati Membri.

L-Istati Membri jistgħu inaqqsu jew jestendu l-perjodi ta’ żmien imsemmija f’(a) u f’(b), fost oħrajn, biex ikunu jaqblu mad-data ta’ skadenza tal-liċenzja tas-sewqan jew biex jisguraw l-introduzzjoni gradwali tat-taħriġ perjodiku. Iżda l-perjodu ma jistax ikun iqsar minn tliet snin jew itwal minn seba’ snin.

3. Sewwieq li jkun temm l-ewwel kors ta’ taħriġ perjodiku kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandu jagħmel taħriġ perjodiku kull ħames snin, qabel it-tmiem tal-perjodu ta’ validità taċ-CPC li jikkonferma t-taħriġ perjodiku.

4. Min ikollu CPC kif imsemmi fl-Artiklu 6 jew iċ-CPC imsemmi fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artiklu, u s-sewwieqa msemmija fl-Artiklu 4 li ma jkunux baqgħu jagħmlu dak ix-xogħol u li ma jissodisfawx il-ħtiġijiet tal-paragrafu 1, 2 u 3, għandhom jagħmlu kors ta’ taħriġ perjodiku qabel jerġgħu jibdew jagħmlu dak ix-xogħol.”

12 L-Artikolu 14 ta’ din l-istess direttiva huwa mfassal b’dan il-mod:

“1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma’ din id-Direttiva qabel l-10 ta’ Settembru, 2006. Huma għandhom jgħarrfu minnufih b’dan lill-Kummissjoni.

[…]

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri:

— mill-10 ta' Settembru, 2008, dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kwalifika inizjali meħtieġa biex jinstaqu vetturi b'liċenzji tal-kategoriji D1, D1+E, D u D+E;

— mill-10 ta' Settembru, 2009, dwar dak li għandu x'jaqsam mal-kwalifika inizjali meħtieġa biex jinstaqu vetturi b'liċenzji tal-kategoriji C1, C1+E, C u C+E.

[…]"

13 L-Anness I tad-Direttiva 2003/59, intitolat "Ħtiġijiet minimi ta' kwalifika u taħriġ", jistabbilixxi, fl-ewwel paragrafu tas-Sezzjoni 1 tiegħu, intitolat "Lista ta' suġġetti", li "Stati Membri għandhom iqisu li tagħlim li għandu jingħata meta jistabbilixxu l-kwalifika inizjali ta' sewwieq u t-taħriġ perjodiku għandhom jinkludu mill-anqas is-suġġetti f'din il-lista. Sewwieqa li jkunu qed jitħarrġu għandhom jiksbu livell ta' tagħlim u kompetenza prattika meħtieġa biex isuqu b'sigurtà sħiħa vetturi tal-kategorija ta' liċenzji rilevanti".

14 Bit-titolu "Taħriġ perjodiku obbligatorju msemmi fl-Artiklu 3(1)(b)", is-Sezzjoni 4 ta' dan l-anness tipprevedi li t-tul tal-korsijiet ta' taħriġ perijodiku obbligatorju huwa ta' 35 siegħa kull ħames snin, mogħtija f'perijodi ta' mill-inqas seba' sigħat.

Id-dritt Ċek

15 Iz-zákon č. 247/2000 Sb., o získávání a zdokonalování odborné způsobilosti k řízení motorových vozidel a změně některých zákonů (Liġi Nru 247/2000 Sb., dwar il-ksib u t-titjib tal-kompetenza professjonali għas-sewqan ta' vetturi bil-mutur u li temenda ċerti liġijiet), tat-30 ta' Ġunju 2000 (iktar 'il quddiem iż-"ZZOZ"), li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001, tistabbilixxi l-obbligu tat-titjib tal-kompetenza professjonali tas-sewwieqa sa sittax-il siegħa fis-sena u għall-eżami sussegwenti tagħhom.

16 L-Artikolu 52c(1) u (2) ta' din il-liġi jipprevedi proċedura standard għall-ħruġ ta' ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq, li tkun suġġetta għall-prova li persuna tgħaddi mill-eżami tal-kompetenza professjonali tas-sewwieqa matul il-perijodu ta' sitt xhur qabel ma tiġi ppreżentata l-applikazzjoni.

17 Fid-dawl tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/59, iż-ZZOZ ġiet emendata bil-Liġi Nru 374/2007 Sb.

18 L-Artikolu II tal-Liġi Nru 374/2007 Sb. jiddisponi:

"1. Is-sewwieqa li jkollhom [CPC] ta' sewwieq li tkun valida fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, ikunu meħtieġa jippreżentaw, fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' din liġi u mhux iktar tard mill-jum tal-iskadenza tal-validità tas-[CPC] ta' sewwieq, quddiem l-awtorità muniċipali b'kompetenzi estiżi, applikazzjoni bil-miktub għall-ħruġ ta' ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq. L-awtorità muniċipali b'kompetenzi estiżi toħroġ lis-sewwieq, fuq il-bażi ta' din l-applikazzjoni, ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq skont iż-[ZZOZ], kif emendat b'din il-liġi mad-dħul fis-seħħ tagħha.

2. Il-validità tas-[CPC] tas-sewwieqa eżistenti tintemm mal-iskadenza ta' [perijodu] ta' tnax-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, u mhux iktar tard mill-jum tal-iskadenza tal-validità tagħhom.

3. Għas-sewwieqa li jkunu għaddew mill-eżami skont il-leġiżlazzjoni eżistenti, u dan qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, u li, fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din, l-awtorità muniċipali b'kompetenzi estiżi ma tkunx ħarġet [CPC] ta' sewwieq, l-awtorità muniċipali b'kompetenzi estiżi toħroġ ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq skont iż-[ZZOZ], kif emendat b'din il-liġi mad-dħul fis-seħħ tagħha.

4. Għas-sewwieqa li jiksbu liċenzja tas-sewqan għas-subkategorija C1 sal-10 ta' Settembru 2009, l-awtorità muniċipali b'kompetenzi estiżi toħroġ, fuq il-bażi ta' applikazzjoni bil-miktub, ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq skont iż-[ZZOZ], kif emendat b'din il-liġi mad-dħul fis-seħħ tagħha.

5. Għas-sewwieqa li jiksbu liċenzji tas-sewqan matul il-perijodu li jmur mid-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi sal-10 ta' Settembru 2008 għall-kategoriji u għas-subkategorijiD1, D1 + E, D jew D + E, u sal-10 ta' Settembru 2009 għall-kategoriji u għas-subkategoriji C1 + E, C jew C + E, l-awtorità muniċipali b'kompetenzi estiżi toħroġ, fuq il-bażi ta' applikazzjoni bil-miktub, ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq skont iż-[ZZOZ], kif emendat b'din il-liġi mad-dħul fis-seħħ tagħha. Din id-dispożizzjoni tapplika wkoll għas-sewwieqa li jkunu kisbu liċenzji tas-sewqan għall-kategoriji u għas-subkategoriji msemmija fl-ewwel sentenza sa sitt xhur qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi u li ma għandhomx [CPC] ta' sewwieq li tkun valida fil-jum tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi.

[…]

7. Is-sewwieqa li jinħarġilhom ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq skont il-paragrafi 1, 3, 4 u 5 huma suġġetti għal taħriġ perijodiku skont iż-[ZZOZ], kif emendat b'din il-liġi mad-dħul fis-seħħ tagħha. L-obbligu li jgħaddu minn taħriġ inizjali taħt din il-liġi ma japplikax għalihom."

19 L-Artikolu 48(4) u (5) taż-ZZOZ., kif emendat fl-1 ta' Awwissu 2011 bil-Liġi Nru 133/2011 Sb., b'dan tal-aħħar ikun intiż, b'mod partikolari, sabiex jiżgura t-traspożizzjoni sħiħa tad-Direttiva 2003/59, jiddisponi:

"4. Is-sewwieq li jkun temm il-professjoni tiegħu u jerġa' jibda jeżerċitaha mingħajr ma jkun segwa taħriġ perijodiku previst fl-Artikolu 48 għandu, jekk biħsiebu jerġa' jsuq vettura li għas-sewqan tagħha s-sewwieq għandu jissodisfa l-obbligu ta' titjib tal-kompetenza professjonali tas-sewwieqa, isegwi kors ta' taħriġ perijodiku ta' tul ta' 35 siegħa […]

5. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 japplikaw, b'analoġija, ukoll għas-sewwieqa li sa issa ma kellhomx ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq jew dokument li jiċċertifika l-kompetenza professjonali maħruġ minn Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea taħt il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni […], iżda li jeħtieġu liċenzja tas-sewqan tal-kategorija jew tas-subkategorija C1, C1 + E, C jew C + E maħruġa qabel l-10 ta' Settembru 2009 u, fil-każ ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija jew tas-sub-kategorija D1, D1 + E, D jew D + E, qabel l-10 ta' Settembru 2008."

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

20 I. Muladi huwa detentur ta' liċenzja tas-sewqan tal-kategorija C mill-1984 u liċenzja tas-sewqan tal-kategorija D mill-1989.

21 Sat-30 ta' Marzu 2008, I. Muladi kien eżaminatur akkreditat intitolat li jipprovdi taħriġ u li jeżamina skont iż-ZZOZ.

22 Fl-14 ta' Marzu 2010, I. Muladi applika għal ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq mal-Magistrát (muniċipalità) tal-belt ta' Ostrava (ir-Repubblika Ċeka), billi sostna li, fid-9 u fit-28 ta' Marzu 2008, huwa kien eżamina lilu nnifsu għall-kategoriji ta' liċenzja tas-sewqan A, C u D konformement mal-leġiżlazzjoni applikabbli u, barra minn hekk, sostna li kien segwa taħriġ ta' sittax-il siegħa li kien mogħti minnu nnifsu.

23 Fit-3 ta' Ġunju 2010, l-applikazzjoni tiegħu ġiet miċħuda minħabba li ma kienx ipproduċa prova li għadda mill-eżami previst mil-leġiżlazzjoni preċedenti għal-Liġi Nru 374/2007 Sb. matul il-perijodu ta' sitt xhur qabel ma ppreżenta din l-applikazzjoni.

24 I. Muladi ppreżenta rikors kontra din id-deċiżjoni, li ġie miċħud fit-13 ta' Awwissu 2010 mill-awtorità reġjonali.

25 Permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Frar 2012, il-Krajský soud v Ostravě (qorti reġjonali ta' Ostrava, ir-Repubblika Ċeka) annullat id-deċiżjoni tal-awtorità reġjonali tat-13 ta' Awwissu 2010. Sussegwentement, l-awtorità reġjonali annullat id-deċiżjoni tal-muniċipalità tal-belt ta' Ostrava tat-3 ta' Ġunju 2010 u stiednet lil din tal-aħħar tadotta deċiżjoni ġdida, fejn indikat li hija kellha teżamina l-kundizzjonijiet tal-possibbiltajiet l-oħra għall-ħruġ ta' ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali tas-sewwieq.

26 Fis-27 ta' Settembru 2012, il-muniċipalità tal-belt ta' Ostrava reġgħet ċaħdet l-applikazzjoni ta' I. Muladi.

27 Din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata permezz ta' deċiżjoni tal-awtorità reġjonali tal-15 ta' Jannar 2013, li fil-konfront tagħha huwa dirett ir-rikors li ġie ppreżentat quddiem il-qorti tar-rinviju.

28 F'dan il-kuntest, din tal-aħħar tqis li l-ħruġ tas-CPC li għalih applika I. Muladi ma jista' jsir fuq il-bażi tal-ebda waħda mit-tliet bażi legali previsti mid-dritt nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu II(3) tal-Liġi Nru 374/2007 Sb., l-Artikolu 52c taż-ZZOZ u l-Artikolu 48(4) u (5) taż-ZZOZ, kif emendat bil-Liġi Nru 133/2011 Sb.

29 Fil-fatt, f'dak li jirrigwarda l-ewwel bażi legali, din il-qorti tikkunsidra li ma huwiex applikabbli, minħabba li, anki persuni li jħarrġu bħal I. Muladi kellhom jissottomettu ruħhom għal eżami u għalhekk ma setgħux jeżaminaw lilhom infushom. Fir-rigward tat-tieni bażi legali, hija kkunsidrat li I. Muladi ma pproduċiex il-prova li għadda mill-eżami tal-kompetenza professjonali matul il-perijodu ta' sitt xhur qabel ma ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Fir-rigward, fl-aħħar nett, tat-tielet bażi legali, hija tikkonstata li I. Muladi ma pprovax il-parteċipazzjoni tiegħu f'taħriġ ta' tul ta' 35 siegħa.

30 Madankollu, fir-rigward ta' din l-aħħar bażi legali, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-konformità tagħha mad-dritt tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija tikkunsidra li, minkejja li la d-Direttiva 2003/59 u lanqas l-Artikolu 91 TFUE ma jawtorizzaw lill-Istati Membri jadottaw leġiżlazzjoni iktar stretta, din l-għażla tirriżulta mill-għan ta' din id-direttiva, li pjuttost tiffissa rekwiżiti minimi b'rabta mal-kwalifika inizjali u mat-taħriġ perijodiku tas-sewwieqa. Hija f'dan ir-rigward tippreċiża li anki qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/59 fir-Repubblika Ċeka, sempliċi liċenzja tas-sewqan ma kinitx biżżejjed biex issuq il-vetturi kkonċernati minn din id-direttiva u li s-sewwieqa kienu meħtieġa jtejbu l-kompetenza professjonali tagħhom skont il-modalitajiet stabbiliti fil-punt 15 ta' din is-sentenza. Madankollu, hija tirrileva li tali leġiżlazzjoni tista' ddgħajjef l-aspettattivi leġittimi tas-sewwieqa kif ukoll il-libertà professjonali tagħhom stabbilita fl-Artikolu 15 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), iżda wkoll tikkostitwixxi ostakolu potenzjali għall-moviment liberu tal-persuni u tas-servizzi fl-Unjoni Ewropea.

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Krajský soud v Ostravě (qorti reġjonali ta' Ostrava) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59/KE jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi kundizzjonijiet oħra għall-eżenzjoni tal-obbligu ta' klassifikazzjoni inizjali tax-xufiera ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni?"

Fuq id-domanda preliminari

Fuq l-ammissibbiltà

32 Il-Gvern Ċek isostni li d-domanda magħmula mill-Krajský soud v Ostravě (qorti reġjonali ta' Ostrava) hija inammissibbli peress li l-qorti tar-rinviju ma tippreċiżax id-dispożizzjonijiet konkreti tad-dritt Ċek li jiksru d-Direttiva 2003/59, tagħti biss deskrizzjoni frammentarja tal-fatti, mingħajr ma tiddeskrivi b'mod iktar konkret il-kuntest ġuridiku li fih hija mistennija tiddeċiedi u l-fatti li huma essenzjali f'dan ir-rigward u li d-domanda magħmula manifestament ma għandha l-ebda konnessjoni mas-soluzzjoni għat-tilwima fil-kawża prinċipali peress li tikkonċerna l-obbligu ta' kwalifika inizjali fis-sens tal-Artikoli 5 u 6 tad-Direttiva 2003/59, filwaqt li l-kawża prinċipali tirrigwarda l-obbligu li ssegwi taħriġ perijodiku fis-sens tal-Artikoli 7 u 8 ta' din id-direttiva.

33 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, huwa l-kompitu esklużiv tal-qorti nazzjonali, li tkun ħadet konjizzjoni tal-kawża u li jkollha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, sakemm id-domanda magħmula tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala prinċipju, marbuta tieħu deċiżjoni dwarhom. Ir-rifjut li tiddeċiedi dwar domanda preliminari magħmula minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mal-għan tal-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-punti ta' fatt jew ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li sarulha (sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Aspiro, C-40/15, EU:C:2016:172, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 F'dan il-każ, it-talba għal deċiżjoni preliminari turi b'mod ċar ir-relazzjoni bejn l-interpretazzjoni mitluba tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59 u s-soluzzjoni tat-tilwima li biha ġiet adita l-qorti tar-rinviju. Fil-fatt, din tal-aħħar tindika li hija qiegħda tqajjem il-kwistjoni dwar jekk, fl-okkażjoni tal-adozzjoni tal-Liġi Nru 374/2007 Sb., fit-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/59, il-leġiżlatur Ċek setax jistabbilixxi kundizzjonijiet supplimentari għaż-żamma tad-drittijiet miksuba mis-sewwieqa, drittijiet li huma msemmija f'dan l-artikolu u li r-rikorrent qiegħed jitlob il-benefiċċju tagħhom fil-kawża prinċipali.

35 Bl-istess mod, hekk kif jirriżulta mill-punti 15 sa 23 ta' din is-sentenza, id-deċiżjoni tar-rinviju tagħti deskrizzjoni suffiċjentement iddettaljata kemm tal-kuntest fattwali kif ukoll tal-qafas ġuridiku tal-kawża prinċipali.

36 Għaldaqstant id-domanda preliminari hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

37 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, jekk l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, skont liema rekwiżit ta' taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa huwa meħtieġ mill-benefiċjarji tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni, previst f'dan l-artikolu, sabiex jeżerċitaw l-attività tas-sewqan inkwistjoni.

38 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, konformement mal-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva 2003/59, moqri fid-dawl tal-premessa 14 tagħha, is-sewwieqa li jibbenefikaw mill-eżenzjoni ta' kwalifika inizjali prevista taħt l-Artikolu 4 ta' din id-direttiva huma awtorizzati fuq din il-bażi, li jwettqu l-attività tas-sewqan matul perijodu li jkompli sal-ewwel taħriġ perijodiku tagħhom. Dan il-perijodu huwa ddeterminat mill-Istati Membri, konformement mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(2) ta' din id-direttiva, imma la jista' jkun inqas minn tliet snin u lanqas iktar minn seba' snin wara d-dati msemmija fl-Artikolu 14(2) ta' din l-istess direttiva, jiġifieri l-10 ta' Settembru 2008 għad-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan ta' waħda mill-kategoriji D1, D1 + E, jew D, D + E jew ta' liċenzja li hija rrikonoxxuta bħala ekwivalenti, jew fl-10 ta' Settembru 2009 għad-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan ta' waħda mill-kategoriji C1, C1 + E, jew C, C + E jew liċenzja li hija rrikonoxxuta bħala ekwivalenti.

39 Jirriżulta wkoll mill-Anness I tad-Direttiva 2003/59, intitolat "Ħtiġijiet minimi ta' kwalifika u taħriġ" moqri fid-dawl tal-premessa 10 ta' din id-direttiva, li din tipproċedi għal armonizzazzjoni minima tad-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kwalifika inizjali kif ukoll għat-taħriġ perijodiku tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni.

40 Għaldaqstant, l-Istati Membri ma humiex imċaħħda mis-setgħa li jimponu fuq is-sewwieqa msemmija fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59 kundizzjonijiet supplimentari sabiex jeżerċitaw l-attività ta' sewqan ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni.

41 Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 14(2) tagħha, li permezz tiegħu, għall-finijiet tal-garanzija tad-drittijiet miksuba, id-detenturi ta' ċerti kategoriji ta' liċenzja tas-sewqan jibbenefikaw, b'mod temporanju, minn eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali, dan għandu jitqies li huwa limitat għal armonizzazzjoni minima tad-dispożizzjonijiet nazzjonali.

42 Barra minn hekk, ikun kontra s-sistematika tad-Direttiva 2003/59 li l-Istati Membri, filwaqt li jistgħu jimponu rekwiżiti supplimentari dwar l-obbligu ta' kwalifika inizjali, ma jistgħux jistabbilixxu kundizzjonijiet supplimentari dwar l-eżenzjoni ta' dan l-istess obbligu.

43 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, armonizzazzjoni minima ma twaqqafx lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw miżuri iktar stretti, sakemm madankollu dawn ma jkunux jistgħu serjament jikkompromettu r-riżultat previst mid-Direttiva inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2006, Lidl Italia, C-315/05, EU:C:2006:736, punt 48) u li dawn huma konsistenti mat-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-23 ta' April 2009, Scarpelli, C-509/07, EU:C:2009:255, punt 24; tal-10 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-100/08, mhux ippubblikata, EU:C:2009:537, punt 70; tal-1 ta' Marzu 2012, Akyüz, C-467/10, EU:C:2012:112, punt 53, u tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar, C-212/11, EU:C:2013:270, punt 60).

44 F'dan ir-rigward, tali miżuri jistgħu, minkejja l-effett restrittiv tagħhom, jiġu ġġustifikati sakemm jissodisfaw raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, li huma adatti sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan minnhom imfittex u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex dan jintlaħaq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' April 2013, Jyske Bank Gibraltar, C-212/11, EU:C:2013:270, punt 60).

45 Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi evalwat jekk hijiex iġġustifikata kundizzjoni, bħal dik meħtieġa mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni għall-għan li jinħareġ is-CPC ta' sewwieq, li minbarra mill-fatt li jkollu, skont id-Direttiva 2003/59, liċenzja għall-kategorija D1, D1 + E jew D, D + E jew ekwivalenti, maħruġa qabel l-10 ta' Settembru 2008, jew liċenzja C1, C1 + E jew C, C + E jew ekwivalenti, maħruġa qabel l-10 ta' Settembru 2009, timponi l-parteċipazzjoni f'taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa.

46 Huwa stabbilit li din il-kundizzjoni tgħin sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tas-sewwieqa kif ukoll sabiex tissaħħaħ is-sigurtà fit-toroq u dik tas-sewwieqa, għanijiet imsemmija fil-premessi 4 u 5 tad-Direttiva 2003/59.

47 Barra minn hekk, tali rekwiżit supplimentari ma jistax jitqies li jmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawn l-għanijiet.

48 F'dan ir-rigward, qabel kollox għandu jingħad li dan japplika biss għall-persuni li ma kinux detenturi ta' ċertifikat li jindika l-kompetenza professjonali jew ta' ċertifikat ekwivalenti u, għaldaqstant, li ma kinux jeżerċitaw jew ma kinux iktar jeżerċitaw il-professjoni ta' sewwieqa u li konsegwentement ma kinux suġġetti għall-obbligu, previst miż-ZZOZ, ta' taħriġ annwali intiż għat-titjib tal-kompetenzi.

49 Sussegwentement, fir-rigward tal-għan tagħha, dispożizzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali timponi rekwiżit simili għal dak li jinsab fl-Artikolu 8(2)(b) tad-Direttiva 2003/59, moqri flimkien mas-Sezzjoni 4 tal-Anness I ta' din id-direttiva, skont liema s-sewwieqa li kisbu s-CPC tagħhom fuq il-bażi tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59 għandhom jagħmlu l-ewwel taħriġ tagħhom ta' 35 siegħa, bħala prinċipju, fl-ħames snin wara l-10 ta' Settembru 2008, għad-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan D1, D1 + E jew D, D + E jew ekwivalenti, u wara l-10 ta' Settembru 2009, għad-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan C1, C1 + E, C jew C + E jew ekwivalenti.

50 Barra minn hekk, ma jistax jitqies li jaffettwa d-drittijiet miksuba mis-sewwieqa, mill-mument li, minn naħa, id-Direttiva 76/914, imħassra u ssostitwita bid-Direttiva 2003/59, kienet tipprevedi fl-Artikolu 1(3), il-possibbiltà għall-Istati Membri li jirrikjedu taħriġ iktar estensiv minn dak previst fl-Anness ta' din l-ewwel direttiva sabiex jinkiseb is-CPC u li, min-naħa l-oħra, hekk kif ġie osservat mill-qorti tar-rinviju, il-leġiżlazzjoni Ċeka, sa minn qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2003/59 bil-Liġi Nru 374/2007 Sb., kienet tipprevedi, fiż-ZZOZ, li ż-żamma ta' liċenzja tas-sewqan adatta ma kinitx biżżejjed għas-sewqan tal-vetturi kkonċernati minn din id-direttiva inkwistjoni u li, hekk kif jirriżulta mill-punt 15 ta' din is-sentenza, is-sewwieqa ta' dawn il-vetturi kienu meħtieġa jtejbu l-kompetenzi tagħhom ta' sewqan permezz ta' taħriġ annwali.

51 Fl-aħħar nett, rekwiżit addizzjonali, bħal dak impost mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jiksirx l-Artikolu 15 tal-Karta. Fil-fatt, konformement mal-Artikolu 52(2) tal-Karta, jistgħu jsiru restrizzjonijiet għad-drittijiet iggarantiti minn dan l-artikolu, bil-kundizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet effettivament jissodisfaw għanijiet ta' interess ġenerali mfittxija mill-Unjoni u li ma jikkostitwixxux, fir-rigward tal-għan imfittex, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jippreġudika s-sustanza stess tad-drittijiet hekk iggarantiti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Ġunju 2005, Alessandrini *et* vs Il-Kummissjoni, C-295/03 P, EU:C:2005:413, punt 86 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tal-4 ta' Lulju 2013, Gardella, C-233/12, EU:C:2013:449, punt 39). Madankollu, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 47 ta' din is-sentenza, leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tissodisfa dawn ir-rekwiżiti.

52 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-risposta għad-domanda magħmula għandha tkun fis-sens li l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59 għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha rekwiżit ta' taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa huwa meħtieġ mill-benefiċjarji tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni, previst f'dan l-artikolu, sabiex jeżerċitaw l-attività tas-sewqan inkwistjoni.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2003, dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiggieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha rekwiżit ta' taħriġ perijodiku minn qabel ta' tul ta' 35 siegħa huwa meħtieġ mill-benefiċjarji tal-eżenzjoni mill-obbligu ta' kwalifika inizjali tas-sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq użati għat-trasport tal-merkanzija jew tal-persuni, previst f'dan l-artikolu, sabiex jeżerċitaw l-attività tas-sewqan inkwistjoni.

Firem